MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2010

Numru 224/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR MARIO HABER**
**VS**
**BAKARI SANGARE**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Bakari Sangare ta' 22 sena, iben Sangare Sekou u Majmula Sidibe, imwieled Mali fl-1 ta' Jannar 1988, residenti Hal Far Tent Village Numru tal-Pulizija 08UU-014.

Illi huwa akkuzat talli fil-5 ta' Marzu 2010 f'dawn il-Gzejjer:

1. Habar minn post ta' kustodja ai termini ta' l-Artikoli 151 u 160 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Xjentement ghamel uzu minn xi dokument iffalsifikat ai termini ta' l-Art. 189 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Kien fil-pussess ta' passaport li hu kien jaf li huwa ffalsifikat u/jew li sar tibdil fuqu ai termini ta' Artikolu 5 tal-Kap.61 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Minghajr awtorita' kompetenti uza jew kien fil-pussess ta' dokument iffalsifikat mehtieg ghal ghanijiet ta' l-Att. Dwar l-immigrazzjoni ai termini ta' l-Artikolu 32 (1) (f) tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat fil-verbal datat 6 ta' Marzu 2010;

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lil Bakari Sangare, hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 151, 160, 189, Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta; Artikolu 5 tal-Kap.61 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikoli 32(1)(f) tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghal sena prigunerija sospizi ghal sentejn.

Din il-piena giet akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat irregistra ammissjoni bikrija, in vista tal-fatt illi ghandu eta' giovanili u in vista tal-fatt illi huwa *a first offender*. Taht dawn ic-cirkostanzi, l-Qrati Maltin mhux solitu illi jaghtu kundanna ta' inkarcerazzjoni fuq dawn it-tip ta' akkuzi, izda jaghtu piena alternattiva. Piena karcerarja, fil-kaz odjern u fic-cirkostanzi fuq indikati, tista' tigi interpretata bhala diskriminazzjoni abbazi ta' l-*istatus* u r-razza ta' l-imputat, diskriminazzjoni li certament ma tistghax tigi imposta minn ebda Qorti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------